**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

Il-Ħamis 25 ta' Mejju 2017

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 61.1 Introduzzjoni

61.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku.
61.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 60 tal-27 ta' April 2017.
61.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 60 bid-data tas-27 ta' April 2017 ġew approvati unanimament.

## 61.2 Punti mqajma mill-minuti

61.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 60.2.15 fejn hija staqsiet fuq il-van ta' l-speed camera għax kien hemm inċident fi Triq San Liċinju.
61.2.2 Is-Segretarju spjegat li l-LESA qalulna biex nerġgħu nitkellu magħhom wara l-elezzjoni.
61.2.3 Hija kompliet tgħid li meta hija flimkien mas-Sindku tkellmu fuq dan il-vann mas-Sur Domenic Vella tat-Transport Malta, huwa qal li ma jafxli dan jeżisti.
61.2.4 Is-Sinjorina Farrugia qalet li l-problema iggravat għax qed isiru ħafna inċidenti minħabba l-speeding.
61.2.5 Is-Sinjorina Farrugia qalet li trid tittieħed azzjoni immedjatament u għandhom jitneħħew l-ewwel żewġ parking bays mill-faċċata ta' Triq San Licinju.
61.2.6 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera fuq dan u ġie deċiż li l-ewwel għandu jitneħħa parking bay wieħed u naraw kif imorru u jekk ikun hemm bżonn wara jitneħħa parking bay ieħor filwaqt li għandhom isiru yellow lines flok il-parking bay li tkun tneħħiet.
61.2.7 Għandha tintbagħat request lit-Transport Malta bir-ritratti tas-Sinjorina Lorraine Farrugia.
61.2.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 60.2.20 fuq il-garbage li qed jiġi imgeddes fi Triq Salvu Mifsud għalkemm saru t-tabelli matul it-triq kollha.
61.2.9 Is-Sinjorina Farrugia qalet li irid isir xi ħaġa biex tissolva din il-problema għax anke n-nies barra mir-raħal qed jiġu u jwaddbu l-garbage hemm.
61.2.10 Hija qed tisuġerixxi li għandna ssir camera pero l-Kunsill ma jistaxjagħmel hekk minħabba l-ispejjes.
61.2.11 Is-Segretarju nfurmat li wara li tħalla munzell garbage fi Transfiguration Avenue nhar is-Sibt 20 ta' Mejju 2017, kellhom ikunu l-kenniesa biex jiġbru dawn il-boroż il-Ħadd filgħodu.
61.2.12 Hawnhekk is-Sindku nfurmat li mhux mal-kuntrattur tal-*garbage collection* biss għandna l-problemi imma anke mal-kuntrattur tal-ġnien.
61.2.13 Ħareġ il-fatt ukoll li r-residenti mhumiex jikkoperaw għax joħorġu l-garbage f' ħinijiet li jfettlilhom.
61.2.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia baqgħet issostni lill-Kunsill m'għandux il-ħila ma japprovax il-pagament tal-Waste Collection bħal ma tagħmel hi.

61.2.15 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kien irċieva e-mail mingħand residenti li jixtiequ jitolbu lill-Kunsill sabiex ikollhom żewġ tabelli, waħda bil-Malti u l-oħra bl-ingliż rigward skart, sabiex min jarmi xi skart jiġi mħarrek mill-Kunsill. Qed jirreferu għal Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela, Limiti ta' Seguna. Huma lesti li jwaħħlu t-tabelli huma u anke jinstallaw CCTV Cameras bis-spejjez tagħhom.
61.2.16 Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan u bħal ma qalu huma bi spejjes tagħhom.
61.2.17Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fit-tender il-ġdida, tkun imniżla biċ-ċert li l-area ta' Hal Mann kollu jinġabar kuljum.

## 61.3 Rapporti, Approvazzjoni tal-Business Plan 2017 – 2019 / Management Letter

61.3.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Business Plan 2017 – 2019 għal l-approvazzjoni tal-Kunsill.
61.3.2 Il-Kunsilliera iddiskutew dan il-Business Plan fejn dan tħejja fuq punti li kienu ġew diskussi mad-Direttur biex tiġi miljorata is-sitwazzjoni tal-Kunsill u jinżammu l-kummenti kollha li kienu:
Li nżommu ma' l-allokkazzjoni finanzjarja
Li ma nieħdux parti fi proġetti Kapitali
Li ma napplikawx għall-proġetti ta' l-EU jekk il-proġetti ma jkunux *fully financed*
Li ma naċċettawx iktar claims fuq karozzi
Li ladarba l-kuntratt tal-Contract Manager skada ma jerġax joħroġ sejħa oħra għal dan il-kuntratt.
61.3.3 Kien hemm diskussjoni mill-Kunsilliera fuq il-fondi ta' l-EU u minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma nistgħux bħala Kunsill napplikaw għal l-ebda proġett.
61.3.4 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Salvu Farrugia, il-Business Plan 2017 – 2019 ġie approvat unanimament.
61.3.5 Is-Segretarju ressqet ukoll quddiem il-Kunsill il-Management Letter.
61.3.6 Il-Kunsill kollu qabel li din is-sena s-sitwazzjoni finanzjarja marret għal l-aħjar ħafna.
61.3.7 Il-Management letter ġiet approvata unanimanet.
61.3.8 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsilliera li bhala kredituri s'issa ġejna up-to-date.

## 61.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u VIP List

61.4.1 Is-Sindku nfurmat li resident li joqgħod nr 41 Triq Robert Mifsud Bonnici qed jagħmel ilment fuq il-bin tal-ħwejjeġ. Dan qed jilmenta għax ma joġgħbux fejn ġie dan il-bin għaliex ġie eżatti faċċata tal-bieb tiegħu u ma jridux hemm.
61.4.2 Dan ir-resident xtaq iżid li meta tkun mimlija bil-ħwejjeġ in-nies jitfgħu l-boroż barra. Kif ukoll meta timtela trid toqgħod iċempel il-Kunsill għalhekk tkun fejn tkun din il-bin trid titbatal kuljum jew ta' spiss.
61.4.3 Dan ir-resident qal ukoll li ma iridix il-bin ghax fejn hemm il-bin suppost hemm funtana li taħdem.
61.4.4 Is-Segretarju qalet li kellimna lil min hu ikkonċernat li jbatal dawn il-bins u qal li kuljum ibatalhom u anke jekk ikun hemm xi boroż bil-ħwejjeġ fejn il-bin dawn jeħodhom ukoll.
61.4.5 Ġie deċiż li din il-bin titneħħa minn fejn qegħda u titpoġġa fil-ġardina ta' ħdejn il-Kunsill.
61.4.6 Is-Segretarju ghandha tibghat request lir-University Residence u jekk dawn jaccettaw trid issir tindifa u wara jigu infurmat ir-residenti b'dan it-tibdil.
61.4.7 Resident li joqgħod nr 8 Sqaq il-Kunċizzjoni jixtieq jagħmel request biex jitneħħew il-double yellow lines li hemm fl-isqaq il-Kuncizzjoni quddiem bank biex jkun hemm post ieħor fejn tipparkja karozza u għax il-persuna li riedet il-bank, ma tħallijhomx

ipoġġu fuqhu. Kif ukoll fl-istess ħin ir-residenta li tpoġġi fuq dan il-bank trid li anzi jiġu *refreshed* dawn il-linji għax qed jipparkjawlha eżatt fejn il-bank.

61.4.8 Il-Kunsill qabel ma din ir request billi nagħmlu angles bojod u nħallu spazzju għal min ipoġġi.

61.4.9 Resident jixtieq jaghmel request biex il-yellow line li hemm fi Triq Annibale Preca ħdejn id-dar tiegħu li jismha 'Tiny Acorn' jitneħħa għaliex hemm problema kbira ta' parkeġġ f'dik l-area u jekk jitneħħa joqgħodu xi tlett karozzi.

61.4.10Ġie deċiż mill-Kunsill li għandna nitkellmu mar-residenti ta'faċċata biex naraw jekk ikunux jistgħu joħorġu l-karozzi minn hemm u jekk ma hemmx problemi jitneħħew.

61.4.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq Discovering Malta & Gozo.

61.4.12 Hija qalet li dan il-proġett ikun jikonsisti li ħames turisti jżuru r-raħal tagħna u jdawwruhom għand residenti li jaħdmu xi crafts jew affarijiet oħra.

61.4.13 Is-Sindku qalet li diġa ikkonfermajna li l-Kunsill ta' Ħal Lija huwa interessat. Għanda ssir laqgħa b'iktar informazzjoni wara l-elezzjoni.

61.4.14Request mingħand resident li joqgħod Triq Enejja biex jsiru parking bays fi Triq il-Kbira u Triq Sant Andrija bħal ma hemm f'toroq oħra.

61.4.15Il-Kunsill iddiskuta din ir-request imma irid jiġi iċċarat fejn għandhom isiru dawn il-parking bays għax Triq Sant'Andrija hemm diġa parking bays u dawn ghandhom isiru *refreshed*.

61.4.16Irid jiġi iċċekkjat fuq fejn irid li isiru l-lines fi Triq il-Kbira. Trid tinġieb iktar informazzjoni.

61.4.17 Request mingħand residenta biex fi Triq il-Forn fejn il-mużew tal-bniet hemm parking slanting biex isir dritt bħal l-oħrajn għax dan ta' spiss ikun ta' ostaklu speċjalment waqt il-kunfużżjoni li jkun hemm meta l-ġenituri jiġbru tfal mill-mużew. Kif tistgħu taraw mir-ritratt meta karozza tipparkja slanting bħal jeep li hemm tkun daqsxejn il-barra allura s-sinjura qed titlob biex il-parking fejn hemm il-jeep isir dritt bħal dak li hemm fih il-vitz il-bajda.

61.4.18 Ġiet diskussa din il-request u irid jiġi stabbilit min qed jagħmel ir-request għax jekk ir-residenta stess hija li ressqt ir-request il-Kunsill jaqbel imma jekk le il-Kunsill ma jaqbilx.

61.4.19 Resident li joqgħod Triq il-Kuncizzjoni nr. 44 qed jagħmel request biex kważi quddiem id-dar tiegħu fit-tarf tal-bankina ssir biċċa railing żgħira għal użu tal-mara tiegħu. Dan għaliex il-mara tiegħu tbati biex timxi u jibża' li taqa' u tweġġa fuq xi spaction li hemm fuq il-bankina. Għalhekk din ir-railing tkun ta' għajnuna għax hi tkun tista iżżom magħha. Huwa diġa tkellem mal-girien.

61.4.20 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hija ma ssib l-ebda oġġezzjoni speċjalment li huwa diġa ikkonsulta mal-ġirien.

61.4.21 Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni unanimament.

61.4.22 Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand residenti li joqgħodu Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela limiti ta' Seguna, li jixtiequ jitolbu l-Kunsill sabiex ikollhom żewġ tabelli, waħda bil-Malti u l-oħra bl-ingliż rigward skart, sabiex min jarmi xi skart jiġi mħarrek mill-Kunsill. Huma lesti li jwaħħlu dawn it-tabelli huma u anke jinstallaw CCTV Cameras għas-spejjes tagħhom.

61.4.23 Il-Kunsill qabel ma din ir-request unanimament filwaqt li għandna ngħidu lill-ġardinar biex ikomli jaqta' l-ħaxix f'dik l-area.

61.4.24Il-kwistjoni ta' sqaq Nru.1 Triq Preziosi baqat ma solvitx. Is-Sindku u s-Segretarju marru laqgħa ma' TM fejn issuġerew li jsir bollard biċ-ċavetta u li r-residenti li joqgħodu ġo l-isqaq tinagħtalhom din iċ-ċavetta. Il-Kunsill għad irid jiddeċiedi.

61.4.25 Il-Kunsill reġgħa ddiskuta din ir-request għax iż-żewġ residenti li joqgħodu f'dan l-isqaq qed jimpikaw ma' xulxin.

61.4.26 Din-il-kwistjoni għad trid tkompli tiġi diskussa.

61.4.27 Resident għandu post fi Triq Sant'Andrija. Huwa qed jirranġah biex jinkera bħala post residenzjali imma sar jaf li l-Kunsill qed ifittex post alternattiv bħala uffiċċju tal-

Kunsill u  qed jistedien lill-Kunsill  biex imorru jarawh.  Kera għal post residenzjali huwa kien ser jitlob €850 imma għalina il-prezz huwa *negotiable.*  Il-post huwa nr 27 Triq Sant Andrija.

61.4.28 Il-Kunsill approva li għandu isir appuntament biex il-Kunsill jara din il-post.

61.4.29Wara l-inċident li sar fl-implant tal-Wasteserve M'skala, Greenpak avviċina lill-Kunsilli Lokali biex min għandu jagħmel aktar użu minn bring-in-site jew sites near by.

61.4.30Peress li aħna m'għandniex bring-in-sites, is-Sinjorina Lorraine Farrugia  issuġġeriet biex isiru dawn il-bring-in-sites jew fi Triq il-Kunċizzjoni fejn kienu jipparkjaw l-ambulanzi jew fi Triq il-Mitħna ħdejni l-pole li hemm faċċata Triq Egidio Lapira.

61.4.31Kieku ssir bring-in-site f'wieħed minn dawn il-postijiet m'għandha tagħti fastidju lil ħadd għax għelieqi jkun hemm faċċata.

61.4.32Il-Kunsill qabel li għandhom isiru il-bring-in-sites temporanji bħal ma' issuġġerew il-WasteServ minħabba l-inċident li sar.

61.4.33 Il-Kunsill qabel li għandna naraw kif imorru  bihom u jekk kollox imur sewwa dawn għandhom  jitħallew.

61.4.34 Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru ħdejn ir-razzett ta' Saver u navżaw li din hija *'a temporary measure taken after the incident in WasteServ'.*

61.4.35Is-Sinku, s-Sinjura magda magri naudi qed tisuggerixxi  li hija tahseb li l-ahjar isiru fl-area ta' Egidio Lapira ghax ikun ahjar ghar-residenti ghax jista jkun Hal Lija tintuza bhala by-pass u kulhadd jibda juzhom.

61.4.36 Residenta li toqgħod fi Vjal it-Trasfigurazzjoni tixtieq tgħaddi lment rigward li stat tal-bankina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni fejn kienet toqgħod Salvina Lia hija ħażina ħafna u perikoluża fejn xi ħadt jista jaqa' u jweġġa' serjament.

61.4.37 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u ġie deċiż li għandha titranġa temporanjament mill-ħaddiema tal-Kunsill bi ftit cement.

61.4.38 Is-Segretarju ressqet lista ta' affarijiet biex titressaq għal l-approvazzjoni tar-Reġjun Centru biex jitħallsu mill-LES Surplus.

61.4.39 Dawn l-'items' huma kollha għal proġett ta' tisbieħ u manutenzjoni tar-raħal.

61.4.40 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-problema bejn żewġ residenti fuq mera fi Triq il-Kbira fejn dawn mhumiex qed jifthemu.

61.4.41Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi spejgat fid-dettal fuq din il-problema fejn hija tkellmet ma' ż-żewġ partijiet.

61.4.42 Hija qalet li fuq  din il-problema tkellmet  mas-Sur Domenic Vella ta' Transport Malta.

61.4.43Transport Malta qalu li peress din il-mera ser titwaħħal ma' pole u mhux mal-ħajt tal-faċċata,  m'għandhomx dritt li jirrifjutaw.

61.4.44Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ser terġa titkellem mal-partijiet konċernati u tfemhom dwar dan.

61.4.45 Il-Kunsill qabel dwar dan.

61.4.46 Is-Segretarju tkellmet fuq request ta' resident li kienet ġiet diskussa f'laqghat ta' qabel fejn  dan qed jitlob kaxxa safra quddiem il-garage tiegħu peress li qed ikun hemm minn jipparkjalu quddiem il-garbage u ma jkunx jista' jidħol jew joħroġ mill-garage.

61.4.47 Huwa anke waħħal 'No Parking sign' fuq il-bieb tal-garage kif kien issuggerilu  l-Kunisll biex jagħmel.

61.4.48 Il-Kunsill qabel ma din ir-request unanimament.

61.4.49 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-Mitħna, li l-ħaddiema tal-Kunsill lestew ix-xogħolijiet fuq il-Mitħna u t-tina ser titqaċċat mill-kuntrattur tal-ġonna.

61.4.50 Hija qalet li x-xogħolijet fuq il-binja ta' ħdejn il-Mitħna, mexjin ġmielhom.

61.4.51 Hija nfurmat lill-Kunsill li fuq wara bejn il-Mitħna u l-ħajt huwa kollhu tagħna u l-owner tal-binja staqsieha li flok irrid il-ħamrija issir ċangatura.

61.4.52 Hija qalet u l-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment imma għalissa ser jibqa' bil-ħamrija sakemm nirċievu l-kwotazzjoni fuq iċ-ċangatura.

61.4.53 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi fakkret lill-Kunsilliera li nhar is-Sibt 27 ta' Mejju ġejjin 22 Diplomats flimkien ma' gwida biex iduru xi siti important f'Ħal Lija.
61.4.54 Hija qalet li din qed tiġi organizzata mill-Foreign Affairs u barra il-gwida tagħhom ser ikun hemm ukoll is-Sur Salvu Sammut biex jispjegawlhom fuq ċerti postijiet.
61.4.55 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ġew iċċirkulati ħafna e-mails lill kunsilliera fuq din l-attivita'.
61.4.56 Is-Sindku tkellmet fuq Jum Ħal Lija li xorta ser issir fis-6 ta' Lulju 2017.
61.4.57 Bħas-soltu ser issir quddiesa ta' ringrazzjament fis-6.30p.m.
61.4.58 Ġie deċiż li quddiem il-Knisja isiru diversi stalls ta' l-ikel mill-Ġermanija, Lebanon, L-Italia u anke l-Accordian Band tkun tista' ukoll tagħtina kunċert bħas-soltu għall-prezz ta' €100.00.
61.4.59 Ġie issuġerit ukoll li għandna inġiebu l-belly dancers u anku jinkera ukoll l-amplification.
61.4.60 Is-Sindku, qalet li nistgħu nagħmlu kuntatt ma' charge d'affairs tal-Libya biex jgħinna għal din l-attivita'.
61.4.61Is-Sindku,S-Sinjura Magda Magri Naudi ħeġġet lill-Kunsilliera biex jaħsbu lil min għandu jingħata Ġieħ Ħal Lija din is-sena sal-ġimgħa id-dieħla.
61.4.62 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija qed tisuġerixxi l-għaqdiet iż-żgħar ta' Ħal Lija.
61.4.63 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet lill-Kunsill li hija għandha f'moħħha jekk il-Kunsill jaqbel, li torganizza attivita' kbira u d-dħul imorru għall-għaqdiet Filantropiċi bħal Puttinu Cares etc.
61.4.64 Hija qed tisuġġerixxi li jingħalqu it-toroq għal 'off roading' u jkunu miftuħin il-każini ta' Sant Andrija, il-klabbs kolla fi Triq il-Forn u l-Pjazza biex igawdi kull bar. Kull bar joffri xi ħaga differenti.
61.4.65 Din l-attivita hija maħsubha li ssir għal ħabta ta' Settembru u hi ser tipprova li ħafna mill-affarijiet jiġu b'xejn u finalment isir 'show' ħdejn il-Belvedere.
61.4.66 Is-Sindku qalet li l-fondi ta' €5,000.00, li kienu ser jingħataw għal Cultural Activity li kellha ssir, issa mhux ser neħduhom peress li ma kienx hemm biżżejjed żmien mid-Dipartiment biex jerġa jitfassal programm ġdid bil-Budget ġdid.
61.4.67 Hija qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill fl-għeluq tat-toroq.
61.4.68Il-Kunsill issuggerixxa dati bħal 10, 16 ta' Settembru biex tkun għada ma bdietx l-iskola biex tiġi organizzata din l-attivita'.

## 61.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

61.5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2017, skeda tal-petty Cash ma inħarġetx għax ma kienx hemm bżonn.
61.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.
61.5.3 Is-Segretarju nfurmat li issa wara li l-Avukat tal-Kunsill bagħat id-draft ta' default notice oħra, din ser tinħareġ.
61.5.4 Is-Sindku tkellmet ukoll fuq ix-xogħolijet tal-kuntrattur tal-ġonna pubbliċi, fejn dan qed jagħtina 'hard time' biex isiru ix-xogħolijiet.
61.5.5 Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ l-ewwel 'warning' lil dan il-kuntrattur.
61.5.6 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri, sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti ġew approvati unanimament.

## 61.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

61.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.55p.m. hu ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017, fil-5:00pm.

IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

IFFIRMATA

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv